MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 12/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenuti krew minghand l-atturi l-flat numru 10, “Kelina Flats” fi Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Nadur, Ghawdex.

Illi l-konvenuti damu jokkupaw dan il-fond mill-21 ta’ Lulju 2003 sal-14 ta’ Settembru 2004.

Illi in konnesjoni ma’ din l-okkupazjoni ghadha dovuta s-somma ta’ seba’ mija u sebgha u erbghin lira Maltin u disgha centezmi (Lm747.09) li jirrapprezentaw hlas ta’ kera, hlas ghal hsara kkagunata u konsum ta’ kurrent eletriku u ilma.

Illi minkejja diversi interpellazjonijiet il-konvenuti baqghu ma hallsux l-ammont dovut.

Ghaldaqstant l-atturi jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont dovut flimkien ma’ l-ispejjes ta’ din il-kawza u dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 15 ta’ Settembru 2004 u ta’ l-ittra ufficjali spedita f’Dicembru 2004.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“ 1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenuti m’ghandhom jaghtu l-ebda ammont lill-atturi.

2. Illi l-konvenuti qatt ma ikkagunaw xi hsarat fil-fond in kwistjoni u l-kera ta’ hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) fix-xahar li dejjem thallsu mill-konvenuti kienet tinkludi wkoll il-hlas ta’ l-ilma u tad-dawl.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes.”

Sema’ d-deposizzjonijiet tal-attur u tal-konvenut u qara d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi l-attur ipprova minghajr ebda dubbju l-kreditu lilu dovut mill-konvenuti kis specifikat fl-avviz tat-talba u di piu’ mhux talli l-konvenuti ma kkontradixxewx id-deposizzjoni tal-attur, talli ammettewha bix-xhieda taghhom moghtija fl-10 ta’ Gunju 2005.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal-atturi billi jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta’ Lm747.09 dovuti ghar-ragunijiet specifikati fl-avviz tat-talba bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Dicembru 2004 a kariku tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------